


Il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet

Il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet biex jiġu stabbiliti valutazzjonijiet konsistenti, effiċjenti u effettivi tal-arranġamenti tal-interoperabilità



Il-Werrej

I. Il-kamp ta' applikazzjoni _____	3
II. L-iskop _____	3
III. L-obbligi ta' konformità u ta' rapportar _____	3
IV. Il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet biex jiġu stabbiliti valutazzjonijiet konsistenti, effiċjenti u effettivi tal-arranġamenti tal-interoperabilità _____	4

I. Il-kamp ta' applikazzjoni

Min?

1. Dawn il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet japplikaw għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs).

Xiex?

2. Il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet jiddefinixxu x'għandhom janalizzaw l-NCAs meta jivvalutaw arranġament tal-interoperabilità u għaldaqstant, fuq liema aspetti tal-arranġament tal-interoperabbli s-CCPs rilevanti għandhom jixħtu l-attenzjoni tagħhom.
3. Il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet ma jintroduċux xi rekwiżiti ġodda għas-CCPs minbarra dawk speċifikati fl-EMIR jew fl-istandards tekniċi rilevanti. Madankollu jispeċifikaw kif dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati bil-għan li jiġu stabbiliti arranġamenti tal-interoperabilità robusti u stabbli.
4. Il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet jiffokaw fuq ir-riskji li jistgħu joħorġu minn arranġamenti tal-interoperabilità u jispjegaw l-oqsma li fuqhom għandhom jiffokaw is-CCPs, u li l-NCAs għandhom jivverifikaw, sabiex inaqqsu dawk ir-riskji.

Meta?

5. Dawn il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet japplikaw minn 10-06-2013.

II. L-iskop

6. L-għan ta' dawn il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet huwa li jtejbu r-riġidità u l-uniformità tal-istandards applikati fil-valutazzjonijiet tal-arranġamenti tal-interoperabilità.

III. L-obbligi ta' konformità u ta' rapportar

L-istatus tal-linji gwida

7. Dan id-dokument fih Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet Ġenerali u Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet Iddettaljati. It-tnejn huma Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet

maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament dwar l-ESMA¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar l-ESMA, l-NCAs iridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet.

8. L-NCAs li għalihom japplikaw il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom.

Ir-reqwiziti ta' rapportar

9. L-NCAs li għalihom japplikaw dawn il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet iridu jinnotifikaw lill-ESMA dwar jekk jikkonformawx jew hux beħsiebhom jikkonformaw mal-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mid-data ta' pubblikazzjoni mill-ESMA fuq post-trading@esma.europa.eu. Jek ma tasal l-ebda twegħiba sa din id-data ta' għeluq, l-NCAs ser jitqiesu bħala mhux konformi. Tista' tinizzel dokument mudell għan-notifiki mis-sit elettroniku tal-ESMA.

IV. Il-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet biex jiġu stabbiliti valutazzjonijiet konsistenti, effiċjenti u effettivi tal-arranġamenti tal-interoperabilità

10. Filwaqt li tqis ir-reqwiziti għas-CCPs li jidħlu f'arranġament tal-interoperabilità kif stipulat fl-Artikoli 51, 52 u 53 tar-Regolament, l-ESMA tipproponi li meta jirrevedu proposta tal-interoperabilità skont l-Artikolu 54 tar-Regolament, l-NCAs jivvalutaw l-applikazzjoni fl-isfond tal-kriterji stabbiliti fil-Linji Gwida u r-Rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt.

L-EWWEL LINJA GWIDA U RAKKOMANDAZZJONI: IR-RISKJU LEGALI

(L-Artikolu 52(1)(a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012)

L-Ewwel Linja Gwida u Rakkomandazzjoni Ġenerali

NCA għandha tivverifika li l-arranġament tal-interoperabilità huwa ddefinit b'mod ċar, trasparenti, validu u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet kollha rilevanti kif ukoll li CCP daħħlet qafas fis-seħħ biex tivvaluta dawn il-fatturi qabel tidħol f'arranġament tal-interoperabilità u fuq bażi regolari.

¹ Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE.

Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet Iddettaljami

a) Id-dokumentazzjoni

Bħala minimu, meta japplikaw l-Ewwel Linja Gwida u Rakkomandazzjoni Ġenerali, l-NCAs għandhom jivverifikaw li d-dokumentazzjoni:

- i. Tiddefinixxi biċ-ċar, f-forma vinkolanti, id-drittijiet u l-obbligi tas-CCPs skont l-arranġament tal-interoperabilità.
- ii. Tkun kompatibbli mal-proċessi ta' mitigazzjoni tar-riskji tas-CCP.
- iii. Tistabbilixxi proċess għal reviżjoni regolari tad-dokumentazzjoni, li tiżgura li d-dokumentazzjoni tibqa' xierqa u tiddefinixxi r-responsabbiltajiet tas-CCPs f'dak il-proċess.
- iv. Tistabbilixxi proċess għall-konsultazzjoni tal-kumitat ta' riskju u l-membri tal-ikklerjar meta l-istabbiliment tal-ftehim interoperabbli, jew kwalunkwe bidla fih, aktarx li jkunu ser iħallu impatt materjali fuq ir-riskji li għalihom hija skoperta s-CCP, u sabiex il-membri tal-ikklerjar jiġu mgħarrfa meta l-istabbiliment tal-arranġament interoperabbli, jew kwalunkwe bidla fih, jistgħu jħallu impatt fuq l-operazzjonijiet tagħhom.
- v. Tindika biċ-ċar il-proċess u l-persuni responsabbli mis-sorveljanza tal-arranġament tal-interoperabilità u mill-iżgurar li dan tabilħaqq jaħdem.
- vi. Tiddefinixxi biċ-ċar il-mekkaniżmu li jittratta t-tilwim għal tilwim li joriġina mill-arranġament tal-interoperabilità.
- vii. Tiddefinixxi biċ-ċar il-kundizzjonijiet u l-proċedura tat-terminazzjoni tal-arranġament tal-interoperabilità.

b) L-analiżi legali

Bħala minimu, meta japplikaw l-Ewwel Linja Gwida u Rakkomandazzjoni Ġenerali, l-NCAs għandhom jivverifikaw dawn li ġejjin:

- i. Li s-CCP tkun ivvalutat bi grad għoli ta' kunfidenza li l-arranġamenti tal-kalkolu tal-valur nett bejn is-CCPs li jinteroperaw huma validi u infurzabbli.
- ii. Li s-CCP tkun ivvalutat bi grad għoli ta' kunfidenza li r-regoli u l-proċeduri tagħha dwar il-mument tad-dħul tal-ordnijiet ta' trasferiment fis-sistemi tagħha u l-mument ta' irrevokabilità jkunu ġew iddefiniti skont l-Artikolu 52(1) tar-Regolament.
- iii. Li s-CCP tkun ivvalutat bi grad għoli ta' kunfidenza l-potenzjal ta' kwistjonijiet legali transkonfinali li jistgħu jinqalgħu minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fl-arranġament interoperabbli, b'mod partikulari fir-rigward tal-proċeduri inadempjenti tagħha u l-infurzabbiltà tal-arranġamenti kollaterali.
- iv. Li s-CCP tkun ivvalutat bi grad għoli ta' kunfidenza li l-proċeduri tagħha għall-ġestjoni tal-inadempjenza tas-CCP interoperabbli huma validi u infurzabbli.
- v. Li s-CCP jkollha grad għoli ta' kunfidenza dwar l-infurzabbiltà tar-regoli tagħha dwar l-inadempjenza kontra s-CCPs interoperabbli u dwar il-vijabbiltà tal-proċeduri tagħha dwar l-interoperabilità.

IT-TIENI LINJA GWIDA U RAKKOMANDAZZJONI: L-AĊĊESS MIFTUĦ U ĠUST

(L-Artikolu 51(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012)

It-Tieni Linja Gwida u Rakkomandazzjoni Ġenerali

NCA għandha tivverifika li l-arranġament tal-interoperabilità jiżgura aċċess mhux diskriminatorju u li ċ-ċaħda jew restrizzjonijiet għad-dħul f'arranġament tal-interoperabilità jkunu bbażati biss fuq raġunijiet relatati mar-riskji.

Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet Iddettaljati

a) Id-dokumentazzjoni

Bħala minimu, meta japplikaw it-Tieni Linja Gwida u Rakkomandazzjoni ġenerali, l-NCAs għandhom iqisu bis-sħiħ li d-dokumentazzjoni:

- i. Li tirregola l-arranġament tal-interoperabilità ma jkunx fiha xi dispożizzjoni li tillimita jew toħloq xkiel għall-istabbiliment jew għall-estensjoni fil-ġejjieni tal-arranġament tal-interoperabilità għal CCPs oħrajn, minbarra kaġun ta' raġunijiet relatati mar-riskju u ġġustifikati kif xieraq.
- ii. Li tirregola l-arranġament tal-interoperabilità ma tillimitax b'mod mhux xieraq it-terminazzjoni tal-arranġament tal-interoperabilità fejn waħda mis-CCPs f'interoperazzjoni tqis li jkun hemm bżonn li jiġi terminat minħabba raġunijiet tar-riskji ġġustifikati kif xieraq. F'ċirkustanzi bħal dawn, jenħtieġ li s-CCP illi tiddeċiedi li tittermina l-arranġament tal-interoperabilità tipprovdi ġustifikazzjoni adegwata lill-NCA tagħha dwar ir-raġunijiet tat-terminazzjoni tal-arranġament u tipprovdi lill-membri tal-ikklerjar, lill-pjattaformi ta' negozjar moqdiya mis-CCP u lil CCPs interoperabbli oħrajn, fejn xieraq, b'avviż mogħti kmieni kemm jista' jkun.

IT-TIELET LINJA GWIDA U RAKKOMANDAZZJONI: L-IDENTIFIKAZZJONI, IL-MONITORAĠĠ U L-ĠESTJONI TAR-RISKJI

(L-Artikolu 52(1)(a), (b) u (c) u l-Artikolu 52(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012)

It-Tielet Linja Gwida Rakkomandazzjoni Ġenerali

NCA għandha tivverifika li, qabel tidħol f'arranġament tal-interoperabilità u fuq bażi regolari, CCP timplimenta qafas ġenerali biex tidentifika, tissorvelja u tamministra r-riskji potenzjali li ġejjin mill-arranġament tal-interoperabilità.

Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet Iddettaljati

a) Il-politiki, il-proċeduri u s-sistemi ġenerali

Bħala minimu, meta japplikaw it-Tielet Linja Gwida u Rakkomandazzjoni Ġenerali, l-NCAs għandhom jivverifikaw dawn li ġejjin:

- i. Li l-arranġament tal-interoperabilità ma jħallix impatt fuq il-konformità mis-CCPs li jieħdu sehem fl-arranġament mar-rekwiżiti li huma soġġetti għalihom skont ir-Regolament u l-istandards tekniċi rilevanti jew ir-regolamenti ekwivalenti f'pajjiżi terzi. F'dan ir-rigward, dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati minn kull CCP fuq bażi awtonoma, b'mod partikulari b'referenza għar-riżorsi finanzjarji prefinanzjati inklużi l-marġni.
- ii. Li s-CCPs jiskambjaw it-tagħrif meħtieġ fuq l-operazzjonijiet tagħhom, inkluża, fejn xierqa, id-dipendenza potenzjali fuq partijiet terzi bħala fornituri ta' servizzi importanti, li jippermettu lil kull CCP twettaq valutazzjonijiet perjodiċi effettivi u sabiex tidentifika, tissorvelja u timmitiga kwalunkwe riskju ġdid jew miżjud, interdipendenzi jew riperkussjonijiet li jistgħu joħorġu mill-arranġament tal-interoperabilità.
- iii. Li jkun hemm proċess għall-analiżi regolari tal-qafas ta' mmaniġġjar tar-riskji tas-CCP wara l-valutazzjoni fil-punt (ii).
- iv. Li jkun hemm proċess għal qbil bejn is-CCPs interoperabbli fuq kwalunkwe bidliet fl-arranġament tal-interoperabilità u għas-soluzzjoni ta' tilwim.
- v. Li jkun hemm proċess biex:
 - a. is-CCPs jiġu mgħarrfa dwar kwalunkwe bidla fir-regoli tas-CCP; u
 - b. jintlaħaq qbil bejn is-CCPs interoperabbli fuq kwalunkwe bidla fir-regoli ta' CCP minnhom li tħalli impatt dirett fuq l-arranġament tal-interoperabilità.
- vi. Fil-każ ta' arranġamenti tal-interoperabilità li jinvolvu tliet CCPs jew iktar, li s-CCP fasslet politiki, proċeduri u sistemi biex tidentifika, tissorvelja, tivvaluta u timmitiga r-riskji li joħorġu mill-ftehimiet kollettivi u d-drittijiet u l-obbligi tas-CCPs interoperabbli differenti.
- vii. Li l-ftehimiet operazzjonali, il-kapaċità ta' pproċessar u l-arranġamenti ta' mmaniġġjar tar-riskji tas-CCP jkunu skalabbli u affidabbli biżżejjed kemm għall-eqqel volumi attwali u kemm għal dawk imbassra tal-attività pproċessata permezz tal-kollegament interoperabbli u n-numru ta' CCPs involuti fl-arranġament tal-interoperabilità.
- viii. Li l-arranġamenti ta' komunikazzjoni bejn is-CCPs interoperabbli jiżgura komunikazzjoni fil-ħin, affidabbli u sigura.
- ix. Li jkun hemm imfassla l-proċeduri ta' mmaniġġjar tal-inadempjenzi tas-CCP li jiżguraw illi l-immaniġġjar ta' inadempjenza ta' membru tal-ikklerjar ta' CCP minnhom ma jaffettwax l-operazzjonijiet tas-CCPs interoperabbli jew jesponihom għal xi riskji oħrajn.
- x. Li s-CCP tkun ivvalutat il-bżonn ta' proċeduri speċifiċi ta' mmaniġġjar ta' inadempjenzi fir-rigward tal-arranġament tal-interoperabilità.
- xi. Li l-proċedura għat-terminazzjoni tal-arranġament tal-interoperabilità minn kwalunkwe waħda mis-CCPs interoperabbli tkun ċara u trasparenti u tirriżulta fit-terminazzjoni bi kwalunkwe mod ordnat li ma jesponix b'mod inadatt lis-CCPs interoperabbli għal riskji oħra.

b) Ir-rekwiżiti prudenzjali

Bħala minimu, meta japplikaw it-Tielet Linja Gwida u Rakkomandazzjoni Ġenerali, l-NCAs għandhom jivverifikaw dawn li ġejjin:

- i. Li r-riskji finanzjarji, inklużi r-riskji tal-kustodja, li jkunu ġejjin mill-arranġament tal-interoperabilità jkunu identifikati, issorveljati, ivvalutati u mmitigati bl-istess mod rigoruż bħall-iskoperturi tas-CCP li ġejjin mill-membri tal-ikklerjar tagħha.
- ii. Li s-CCP għandha proċessi, proċeduri u mudelli tar-riskji adegwati, inklużi metodoloġiji għall-ittestjar tal-istress sabiex tbassar b'mod adegwat l-iskoperturi finanzjarji u l-ħtiġijiet ta' likwidità tagħha li jkunu ġejjin mill-arranġament tal-interoperabilità.
- iii. Li s-CCP tkun ivvalutat, ġabret jew ikollha aċċess għar-riżorsi bejn is-CCPs meħtieġa biex tkopri riskju ta' kreditu u likwidità li ġej mill-arranġament interoperabbli, inklużi f'kundizzjonijiet tas-suq estremi iżda plawżibbli.
- iv. Li s-CCP tkun identifikat kwalunkwe riskju li jkun ġej mill-intervall bejn l-appelli għall-manutenzjoni tal-marġni ta' bejn is-CCPs u d-disponibilità tal-kollateral rilevanti.
- v. Li s-CCPs interoperabbli ma jkunux jistgħu jikkontribwixxu għall-fondi tal-inadempjenza ta' xulxin jew riżorsi finanzjarji oħrajn kif iddefiniti fl-Artikolu 43 tar-Regolament.

c) L-inadempjenza ta' CCP interoperabbli

Bħala minimu, meta japplikaw it-Tielet Linja Gwida u Rakkomandazzjoni Ġenerali, l-NCAs għandhom jivverifikaw dawn li ġejjin:

- i. L-iskoperturi potenzjali tas-CCP li ġejjin minn telf fil-kreditu skopert jekk il-kaskata tal-inadempjenza tas-CCP interoperabbli ntużat kollha.
- ii. Kemm il-portabbiltà tal-pożizzjonijiet mis-CCP inadempjenti għal CCP mhux inadempjenti jew fond tal-inadempjenza tas-CCP interoperabbli, li huwa ddedikat biex ikopri l-iskoperturi li joħorġu mill-istrumenti finanzjarji kklerjati permezz tal-arranġament interoperabbli, tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-iskoperturi ta' bejn is-CCPs.
- iii. L-iżgurar li r-riskji mdaħħla mill-arranġament tal-interoperabilità jkunu ddivulgati lill-membri tal-ikklerjar skont l-Artikolu 38(2) tar-Regolament u l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013 tas-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 4 ta' Lulju 2012 fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti għall-kontropartijiet ċentrali.
- iv. Meta iktar minn żewġ CCPs jieħdu sehem fi ftehim tal-interoperabilità, ir-riskji tal-arranġament kollettiv tal-interoperabilità.
- v. Il-ħtiġijiet probabbli ta' likwidità li jkunu ġejjin mill-arranġament tal-interoperabilità bħal fil-każ ta' appell għall-manutenzjoni tal-marġni bejn is-CCPs mhux issodisfat.

d) Il-mudelli differenti ta' mmaniġġjar tar-riskji

Bħala minimu, meta japplikaw it-Tielet Linja Gwida u Rakkomandazzjoni Ġenerali, l-NCAs għandhom jivverifikaw dawn li ġejjin:

- i. Li s-CCP jkollha proċess għall-valutazzjoni regolari tad-differenzi bejn l-oqfsa ta' mmaniġġjar tar-riskji, jekk ikun hemm, tas-CCPs f'interoperazzjoni, li jidentifika kwalunkwe riskju li jista' jfeġġ mill-użu ta' mudelli jew kontrolli differenti bħal dawn, inkluża l-valutazzjoni tar-riżultati tat-testijiet tal-istress u l-ittestjar ta' proċeduri tal-inadempjenza, u li jkollha fis-seħħ arranġamenti biex timmitiga dawk ir-riskji.
- ii. Li wara l-valutazzjoni fil-punt (i), għandu jkun hemm proċess għas-CCPs f'interoperazzjoni biex janalizzaw l-oqfsa ta' mmaniġġjar tar-riskji tagħhom u jqisu bis-siġħ azzjonijiet possibbli, inkluż il-każ għal konverġenza ulterjuri tal-oqfsa ta' mmaniġġjar tar-riskji.

e) Il-profil tar-riskju u l-kriterji tas-šhubija

Bħala minimu, meta japplikaw it-Tielet Linja Gwida u Rakkomandazzjoni Ġenerali, l-NCAs għandhom jivverifikaw dawn li ġejjin:

- i. Li s-CCP tkun ivvalutat il-profil ta' riskju ta' kull CCP f'interoperazzjoni, inkluż kwalunkwe riskju li jista' jfeġġ mill-politiki ta' šhubija tagħha, biex jiġi żgurat li l-arranġament tal-interoperabilità ma jwassalx għal dgħjufija fil-qafas ġenerali ta' mmaniġġjar tar-riskji tas-CCP.
- ii. Li s-CCP jkollha politiki, proċeduri u sistemi biex tissorvelja, tivvaluta u timmitiga b'mod regolari kwalunkwe riskju li jfeġġ mill-interdipendenzi, inkluż minn entitajiet jew gruppi ta' entitajiet li jaġixxu bħala membri tal-ikklerjar jew fornituri ta' servizzi essenzjali lil CCP interoperabbli waħda jew iktar. F'dan ir-rigward, il-limiti tal-konċentrazzjoni stabbiliti minn kull CCP għandhom jiġu riveduti biex jiġi żgurat li dawn jibqgħu adattati fid-dawl tal-arranġament tal-interoperabilità, b'mod partikulari jekk l-arranġament iwassal għal riskji oġhla ta' interdipendenzi.

f) L-immaniġġjar tal-iskoperturi

Bħala minimu, meta japplikaw it-Tielet Linja Gwida u Rakkomandazzjoni Ġenerali, l-NCAs għandhom jivverifikaw dawn li ġejjin:

- i. Li s-CCP tkun identifikat kif ser tkopri l-iskoperturi li joriġinaw mill-arranġament tal-interoperabilità, inkluż:
 - a. kif ser tikkalkola l-marġni skont l-Artikolu 41 tar-Regolament u l-Kapitolu VI tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti għall-kontropartijiet ċentrali.
 - b. kif ser tieħu ħsieb l-iskoperturi wara l-inadempjenza ta' CCP interoperabbli bla ma tnaqqas il-ħila tas-CCP biex twettaq l-obbligi tagħha għall-membri tal-ikklerjar tagħha stess.
 - c. is-suppożizzjonijiet biex jiġu ddeterminati u skambjati l-marġni ta' bejn is-CCPs. Dan għandu jinkludi spjegazzjoni ddettaljata għall-NCAs dwar id-differenzi, jekk ikunu jeżistu, bejn il-parametri ta' mmaniġġjar tar-riskji applikati għall-iskoperturi ta' bejn is-CCPs apparagun ma' dawk applikati għall-membri tal-ikklerjar.
- ii. Li s-CCP tkun implimentat għodod ta' mmaniġġjar tar-riskji, bħal politiki dwar il-marġni jew il-fond tal-inadempjenza, biex tindirizza kwalunkwe dgħjufija fil-qafas

ġenerali ta' mmaniġġjar tar-riskji tas-CCP li tirriżulta minħabba l-arranġament tal-interoperabilità.

- iii. Li s-CCP tkun implimentat arranġamenti, li huma trasparenti għall-membri tal-ikklijerjar tagħha, biex tiegħu ħsieb skoperturi li joħorġu mill-arranġament tal-interoperabilità, anki f'kundizzjonijiet tas-suq estremi iżda plawżibbli.

IR-RABA' LINJA GWIDA U RAKKOMANDAZZJONI: ID-DEPOŻITU TA' KOLLATERAL

(L-Artikolu 53(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012)

Linja Gwida u Rakkomandazzjoni Ġenerali

1. NCA għandha tivverifika li CCP interoperabbli tiddepożita kollateral b'tali mod li tkun protetta mill-inadempjenza ta' kwalunkwe CCPs interoperabbli.

IL-ĦAMES LINJA GWIDA U RAKKOMANDAZZJONI: IL-KOOPERAZZJONI BEJN NCAS

(L-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012)

Linja Gwida u Rakkomandazzjoni Ġenerali

1. Mingħajr ħsara għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni spjegata fl-Artikolu 17 tar-Regolament, l-NCAs responsabbli għall-valutazzjoni tal-arranġament tal-interoperabilità għandhom jikkooperaw ma' xulxin mill-qrib matul il-fażi ta' valutazzjoni. Dan jinkludi l-qsim ta' informazzjoni fi ħdan il-proċess u l-qsim tar-rapporti dwar il-valutazzjoni tar-riskji rispettivi tagħhom qabel jiġu ffinalizzati u ppreżentati lill-kulleġġi rispettivi b'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 17 tar-Regolament. Mingħajr ħsara għall-arranġamenti tal-kolleġġi skont l-Artikolu 18 tar-Regolament, l-NCAs responsabbli għas-superviżjoni tas-CCPs interoperabbli għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin fuq bażi regolari.
2. Meta l-arranġament tal-interoperabilità jkun bejn CCP awtorizzata skont l-Artikolu 17 tar-Regolament u CCP rikonoxxuta skont l-Artikolu 25 tar-Regolament, għandu jkun hemm arranġamenti għal kooperazzjoni bejn l-NCA u l-awtorità relevanti mill-pajjiż terz sabiex jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 1 ta' din il-Linja Gwida u Rakkomandazzjoni. It-twaqqif tal-arranġamenti relevanti jista' jiġi jitħaffef permezz tal-ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-ESMA u l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, kif stipulat skont l-Artikolu 25(7) tar-Regolament.